



---

**0044/2016**

27.4.2016

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar appoġġ biex jiżdiedu t-tojits aċċessibbli fl-UE

**Daniel Dalton (ECR), Lucy Anderson (S&D), Mairead McGuinness (PPE),  
Marian Harkin (ALDE), Julia Reda (Verts/ALE), Anthea McIntyre  
(ECR), Helga Stevens (ECR), Anneleen Van Bossuyt (ECR),  
Olga Sehnalová (S&D), Antanas Guoga (ALDE), Brando Benifei (S&D)**

Data ta' skadenza: 27.7.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont ir-Regola 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar appoġġ biex jiżdiedu t-tojlits aċċessibbli fl-UE<sup>1</sup>**

1. Għad hemm nuqqasijiet serji fil-provvista ta' tojlits aċċessibbli fl-UE kollha, iżda dan huwa partikolarmen minnu fil-każ ta' tojlits li huma mgħammra b'mod adegwat għall-persuni b'diżabilità fīzika u ta' tagħlim serja, li ħafna drabi jkollhom bżonn faċilitajiet u spazju ulterjuri biex ikunu jistgħu jużaw it-tojlits mingħajr periklu.
2. It-tojlits "Changing Places" huma eżempju tajjeb ta' tojlits b'aċċessibilità msaħħha, u bħalissa digħi jażistu madwar 800 minnhom, inkluż f'għadd ta' ajruporti Ewropej. Il-Parlament kien digħi appoġġja l-provvista ta' tojlits b'aċċessibilità msaħħha (bħalma huma ċ-‐"Changing Places") fl-ajruporti tal-UE li minnhom jgħaddu aktar minn miljun passiġġier fis-sena<sup>2</sup>.
3. F'konsultazzjoni sħiħa ma' persuni b'diżabilitajiet u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mitluba:
  - (a) iħeġġu lill-Istati Membri jipprovdu tojlits b'aċċessibilità msaħħha (bħalma huma ċ-‐"changing places") f'postijiet xierqa, inkluż f'ajruporti, stazzjonijiet tal-ferrovija, pompi tal-petrol fuq il-motorways u fiċ-ċentri tal-bliet.
  - (b) jippromwovu inizjattivi bl-għan li jagħtu aktar konsiderazzjoni lil din il-kwistjoni.
4. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmsata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.

<sup>2</sup> Ara r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-mezzi kollha tat-trasport (ĠU C 68 E, 7.3.2014, p. 21), u l-pożizzjoni tiegħi adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' Frar 2014 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) No.../2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjuriet, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbilità ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-transport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom (Testi adottati, P7\_TA(2014)0092).